# IT-TAZZI TAŻ-ŻEJT FIL-FESTA

*Kitba ta' Mons. Lawrenz Sciberras*



*Tazzi u ċ-ċimblor*

Illum kemm wieħed jagħfas swiċċ u jkollu d-dar, il-knisja u t-toroq tar-raħal mixgħulin ħuġġieġa waħda. Jista' jqum riħ mill-Majjistral għaliex dawn ma jintfewx! U dawn jibqgħu mixgħula sa kemm wieħed irid. Iż-"żejt" partikulari tagħhom ma jispiċċax wara biss sagħtejn dawl! Titpaxxa tara dawk id-disinni kkuluriti jilmaw matul l-iljieli tal-festi tagħna. Toroq iħeġġu, pavaljuni magħmulin b'maestrija kbira jgħammxu l-għajnejn u fuq kollox ġewwa fil-knejjes armati tagħna wieħed jista' jgawdi l-opri imprezzabbli li jżejnu l-knejjes barokki tagħna. Dan kollu grazzi għad-dawl leqqien ta' matul jiem il-festi.

Iżda dan ma nistgħux ngħiduh għas-snin l-imgħoddija meta l-uniku dawl li jserraħ xi ftit il-menti u l-qalb tal-parruċċani kienu t-tazzi mlewnin jixegħlu biż-żejt. Tazzi iva, ikkuluriti, tazzi ppreparati u lesti mwaħħlin mal-faċċati tal-knejjes tagħna, tazzi li jiffurmaw disinni partikulari imma jekk tqum l-iċken żiffa dawn jintfew malajr. X'ħasra! X'diqa! X'disfatta tinqala' f'qalb dawk li jkunu ilhom jistennew dawk is-sagħtejn is-sena kollha biex jaraw il-faċċati tal-knejjes tagħhom minn barra jpetptu bit-tazzi taż-żejt! Dak kien żmien ieħor.

U l-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-knisja mżejna imma minn ġewwa. Il-lampieri tal-fidda - illum uħud minnhom verament huma imprezzabbli - bit-tazzi taż-żejt ikkuluriti jixegħlu quddiem is-sagrament u l-altari laterali. Dak il-lampier li jkun fin-nofs minn barra li jkun akbar ikollu wkoll tlieta jew erba' tazzi żgħar oħra jixegħlu wkoll. Kollox f'postu, kollox iferrħek, kollox għall-akbar glorja ta' Alla! Lampieri kbar tal-fidda, lampieri b'dawk id-disinni u skrizzjonijiet maħduma fil-fidda, lampieri li saru bil-ġbir minkejja l-faqar li kien hawn snin u snin twal ilu!

**Taċċi u msiemer**

Raħalna Ta' Sannat ma kienx eċċezzjoni fejn jidħol id-dawl bit-tazzi taż-żejt. Sa madwar tletin sena ilu kien għadhom jidhru l-imsiemer imwaħħlin mal-faċċata, ibda mill-kampnari biex magħhom iwaħħlu t-tazzi taż-żejt u jixegħluhom is-Sibt, lejlet il-festa u l-għada għall- purċissjoni. Billi fil-festa tagħna l-Majjistral xejn ma hu ħanin magħha, l-Arċipriet Indrija Vella kien waħħal ukoll numru ta' msiemer mal-faċċata n-naħa ta' Ċenċ fejn il-Majjistral ma jaħkimx. U hekk il-povri parruċċani setgħu jgawdu ftit mill-ferħ u l-hena tal-festa ta' Santa Margerita.

**Armar u tazzi**

Nibdew mill-armar. Kif juri tant tajjeb ir-ritratt - liema ritratt żgur li għandu aktar minn 86 sena u dan għaliex għad hemm il-qniepen il-qodma fil-kampnari - l-armar prinċipali kien jikkonsisti fi slielem ta' kull daqs: twal, tan-nofs u qosra. Barra dawn kienu jintramaw ukoll fallakki biex minn fuqhom l-irġiel tas-sengħa jkunu komdi biżżejjed u jixegħlu dawn it-tazzi. Kien hemm irġiel tal-prattika li jiddendlu u jixxabbtu mal-faċċata minn fuq għal isfel, jitbandlu u jiċċaqalqu skont il-bżonn waqt li jferrgħu ż-żejt minn ġo landa jew kanna apposta. Għal min kien jaħdem bis-sellum, din il-landa kien ikollha ganċ apposta biex jaqbad u jserraħha mal-iskalluna tas-sellum.



*Landa jew kanna taż-żejt*

Semmejt irġiel li jixxabbtu. Għall-irġiel Ta' Sannat din ma kinitx ħaġa daqshekk diffiċli għaliex kif nafu mill-Istorja ta' raħalna, kien hemm numru ta' rġiel li jixxabbtu mill-għoli taċ-Ċnus għall-baħar biex jaqbdu l-ħut. Fil-fatt illum u dan huwa xieraq ħafna, għandna triq li ġġib dan l-isem, Triq ix-Xabbata.

Niġu għat-tazzi. Ibda biex il-parroċċa ma kienx ikollha numru daqshekk kbir ta' tazzi biex bihom tixgħel il-faċċata matul jiem il-festa. Anke jekk l-istess parroċċa kien ikollha numru minn dawn it-tazzi ta' kuluri u qisien differenti biex jintużaw għal-lampieri tagħha. Għalhekk dawn kienu jinkrew mingħand kuntrattur jew aġent li kien ikollu n-nies

tiegħu mħarrġin apposta għal dan ix-xogħol ta' armar. Ngħiduha ċar u tond kien tassew xogħol ta' periklu kbir għall-ħajjet dawn l-irġiel. U ġraw każijiet fejn waqgħu rġiel minn fuq għal isfel u baqgħu tal-kolp.


Il-landa li tqattar pitroju jaqbad fuq iċ-ċimblor

It-tazza taż-żejt kienet tkun daqs larinġa. Kull tazza kien ikollha qisha żaqq ibbuzzata fit-tond 'il barra. Fuq jew fl-għonq kien ikollha xoffa jew għafsa biex din tispiċċa bix-xoffa maqluba 'l barra. Din ix-xoffa maħruġa 'l barra kienet indispensabbli għaliex it-tazza kienet tiġi marbuta bil-pissiperla u hekk ir-rabta ma toħroġx u tiżloq it-tazza. Din ir-rabta bil-pissiperla kienet issir biex idendlu t-tazza minnha mal-imsiemer. Naturalment kien ikun hemm tazzi ta' kull lewn immaġinabbli. U preċiżament hawn qiegħed is-sabiħ, għaliex grazzi għall-ilwien, joħorġu d-disinni u s-simboli l-oħra aktarx ukoll marbutin mas-simboli tal-patrun jew patruna tar-raħal.

**Il-mixegħla**

L-ewwel ħaġa t-tazza kienet tkun mimlija aktar min-nofsha bl-ilma. Imbagħad fil-parti ta' fuq tat-tazza kien ikun fiha subgħajn żejt kemm jista' jkun fin biex iżżomm mixgħula. Ġot-tazza wkoll kien ikun hemm ċimblor. Dan kien ikun biċċa landa rqiqa bi tliet saqajn, tripied. Fit-tarf ta' kull sieq kien ikun hemm sufra biex hekk iċ-ċimblor iżomm fil-wiċċ. Fin-nofs tal-landa kien ikun hemm toqba u tubu li minnu tgħaddi ftila li tibqa' nieżla ġoż-żejt. Jekk il-ftila tkun twila ħafna u allura tibda tmiss mal-ilma allura l-fjamma tibda ttextex u din aktarx li ma tixgħelx. Ħafna drabi għalhekk ġot-tazza kien ikun hemm biss żejt. Dan id-dawl baxx li joħroġ mill-ftila jissejjaħ lumin, kelma li ġejja mil-Latin lumen jiġifieri dawl. Jien niftakar sew in-nanna tiegħi Ċetta tixgħel bl-istess sistema d-dar quddiem xi santa jew kurċifiss kull nhar ta' Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt.

Biex jixegħlu l-ftejjel tat-tazzi kollha x-xabbaturi, għaliex kien ikun hemm aktar minn raġel wieħed li jagħmel dan ix-xogħol, kienu jiddendlu bil-ħbula. Kellhom imbagħad sistema li tħaffef ħafna biex tixgħel it-tazzi. Ibda biex dawn l-irġiel qalbiena jkollhom landa biż-żennuna rqiqa ħafna u li minnha jkun hemm ftila. Din il-landa jkun fiha taħlita ta' żejt u pitrolju. Qabel ma jibda jixxabbat, dan ir-raġel jixgħel il-ftila ħierġa miż-żennuna, iressaqha għal fuq il-ftila ta' ġot-tazza, din tqattar qatra mil-likwidu mħallat qisha lsien tan-nar, taqa' fuq il-ftila u hekk il-ftila ta' ġot-tazza tixgħel dritt. Din kienet sistema li tħaffef sew il-proċess tal-mixegħla.

**Ripetizzjoni tax-xogħol**

Naturalment dawn it-tazzi kienu jdumu jixegħlu sakemm jispiċċa ż-żejt li jkun hemm ġo fihom. Dan il-proċess kien isir lejlet il-festa u fl-istess ħin ikun hemm ukoll il-ġiġġifogu. L-għada, mela nhar il-festa, kien jerġa' jibda x-xogħol. Dan għaliex ix-xabbaturi kien ikollhom jerġgħu jimlew it-tazzi biż-żejt biex jixegħluhom għall-purċissjoni u aktarx iqiegħdu ċimblor ġdid. U għalhekk il-Ħadd, jum il-festa kien jerġa' jsir l-istess proċess bħal dak ta' lejlet il-festa.

Iżda dan ir-riskju kollu kellu r-riħ kontra tiegħu bil-qawwa kollha. Għaliex żiffa mill-Majjistral malajr titfi l-mixegħla kollha u tħarbat l-istennija qawwija tal-parruċċani. Iżda jekk kien ikun il-bnazzi u l-ħemda, dawk it-tazzi jpetptu u jlebilbu kien ikun fihom għaxqa, differenza kbira mil-bozoz tal-elettriku li jarmu biss dawl fiss. Din kienet parti mill-ħajja sempliċi, ħafifa u ta' serħan il-moħħ li missirijietna kienu jogħxew jarawha tixgħel darbtejn biss f'sena sħiħa kif iddur. X'ħerqa! Xi stennija! Xi mħabba! X'orgolju kien ikollhom dawn l-antenati għal jiem il-festa! Dan biex ikabbruha u jagħmluha tisboq fuq l-oħrajn. Iżda kollox bil-limitu tiegħu, kollox mingħajr ġlied ta' xejn, kollox idur mal-qaddis jew qaddisa tar-raħal.

Illum għand xi regattier wieħed forsi għadu jista' jsib xi tazza minn dawn li ktibna dwarhom ta' kuluri u qisien differenti. Fil-knejjes tagħna għad fadal dawk fil-lampieri.


Il-faċċata tal-Knisja armata bit-tazzi taż-żejt (1930)